TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 51/19/F

**Christian Domenic Galea**

**vs**

**M.A. Motorcycles Ltd.**

Illum, 27 ta' Novembru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-2 ta' Mejju, 2019 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' erba' mitt Ewro (€400), rappreżentanti l-prezz ta' ġakketta tal-ġilda li kien xtara mingħand id-ditta ntimata u wara li kellu aċċident żgħir, din il-ġakketta infaqgħet mill-ħjata.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kellu aċċident żgħir u li spiċċa ma' l-art, pero' l-ġakketta ma messitx ma' l-art u nfaqgħet il-ħjata.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi l-ġakketta messet ma' xi ħaġa li mbagħad tqaċċtet u b'hekk ġralha l-ħsara.

It-Tribunal, kellu l-opportunita' li jiċċekkja l-ġakketta u wara li ra l-ġakketta fil-fatt jidher li ma nfaqgħetx u jidher li tqaċċtet ma' xi ħaġa li kienet ħierġa mill-mutur. Jiġifieri bażikament it-Tribunal qiegħed jemmen il-verżjoni tal-intimat u mhux tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet, u b'dan illi l-ġakketta tibqa' propjeta' tar-rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888